**25 ta' Mejju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Baldacchino

*versus*

Giuseppi Baldacchino

## Spoll Privileġġjat – Spoll Rurali – *Actio Spolii* – Kjamata fil-Kawża – Possessur – Sid – Nullità ta' Sentenza

*F'każ ta' spoll rurali, il-presenza ta' sid l-għalqa hija essenzjali kemm fl-istadju ta' l-appell kif ukoll fi prim'istanza u dan billi kull sentenza li tikkundanna lill-pussessur ta' l-għalqa sabiex jirripristina kollox kif suspost ma tistax tiġi esegwita jekk mhux bil-permess tas-sid.*

*Hu stabbilit bil-liġi kif ukoll ribadit fil-ġurisprudenza illi l-kjamata fil-kawża ma tistax tiġi ordnata jew awtorizzata fl-istadju ta' l-appell.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress illi l-attur huwa proprjetarju ta' l-għalqa "Tas-Safra" limiti ta' l-Imqabba li jgħaddi għaliha minn ġo sqaq li jagħti għat-triq pubblika li qiegħda wara l-*Airport* ta' Ħal-Luqa;

Peress illi riċentement il-konvenut abusivament u bla dritt imbarra parti minn dan l-isqaq billi bena ħajt b'mod illi impedixxa l-aċċess ta' l-attur għall-għalqa tiegħu hawn fuq imsemmija;

Peress illi dan l-att tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ipprevileġġjat;

Talab li din il-Qorti prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut ikkommetta spoll ipprivileġġjat u riċenti b'aġir abusiv tiegħu kif hawn fuq imsemmi għad-dannu ta' l-istanti, tikkundanna lill-konvenuti biex ineħħi l-imsemmi ħajt li bena fl-isqaq li minnu

l-attur jgħaddi għall-għalqa tiegħu hawn fuq imsemmija; u fin-nuqqas li jagħmel dan l-istanti jkun awtorizzat li jagħmel huwa stess ix-xogħol meħtieġ għar-rimozzjoni ta' dak il-ġebel a kont u spejjeż tal-konvenut;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Lulju, 1979, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi preliminarjament l-attur irid jindika d-data eżatta meta sar l-allegat spoll u dana a tenur ta' l-artikolu 572(1) tal-Kodiċi Ċivili; illi l-konvenut m'huwiex il-proprjetarju ta' l-għalqa magħrufa "Tas-Safra" limiti Mqabba u għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju; illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju tal-premess, l-isqaq li jagħti għall-għalqa "Tas-Safra" limiti Mqabba, minn dejjem kien magħluq b'ħajt tas-sejjieħ; salvi jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Ġunju, 1984, li biha ddeċidiet billi, fil-waqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, laqgħet it-tabiet attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, liema xogħol ta' demolizzjoni kellu jsir fi żmien xahrejn u fin-nuqqas li dan isir mill-konvenut, l-attur ikun awtorizzat li jagħmel ix-xogħol meħtieġ għas-spejjeż tal-konvenut u dan wara li l-Qorti ddikjarat lill-konvenut bħala l-persuna li kkomettiet l-ispoll għad-dannu ta' l-attur u kkundannat għalhekk lill-kovnenut biex iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attur għal petizzjoni tal-konvenut li biha għar-raġunijiet fiha kkontenuti ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti sejra tirrijafferma ruħha fuq l-ewwel aggravju ta' l-appellant peress li dan jippreżenta kwistjoni ta' natura legali in tema proċedurali li jirrikjedi l-provvediment li ultimament sejra tasal għalih;

L-appellant issottometta kemm quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll fil-petizzjoni ta' l-Appell tiegħu illi "meta ġiet intavolata ċ-ċitazzjoni in kwistjoni f'Awissu, 1979, il-konvenut kien diġà ħareġ jew wasal biex jorħoġ mill-għalqa "Tas-Safra" u kkonsenjaha lis-sid li hi l-mara tax-xhud George Camilleri". L-appellant issottometta wkoll li f'dak iż-żmien, George Camilleri kien diġà qed juża l-isqaq u jaħdem l-għalqa qua proprjetarju. Flimkien miegħu kien hemm l-attur u Pinu Farrugia li kienu qed jagħmlu użu mill-isqaq. Dan ifisser, issottometta l-appellant, illi kwalunkwe ġudikat in konnessjoni ma' dan l-isqaq sejjer jolqot direttament lil sid il-mara ta' George Camilleri, lil Pinu Farrugia

u lill-attur. L-attur huwa parti fil-kawża iżda l-oħrajn m'humiex u għalhekk, kif tista' l-Qorti tordna t-twaqqiegħ ta' ħajt proprjetà ta' terza persuna li mhix fil-kawża? Ikompli jsaqsi l-appellant: "kif tista' l-Qorti tordna lill-konvenut iwaqqa' ħajt li tiegħu m'għandux il-proprjetà u l-anqas pussess? Fuq kollox; kif tista' l-Qorti tippreġudika d-drittijiet ta' terza persuna li m'hix fil-kawża?" Skond l-appellant l-Ewwel Qorti tat sentenza li bilfors għandha topera kontra terza persuna li m'hix fil-kawża. Jissottometti l-appellant illi "Veru li l-Ewwel Qorti kkundannat biss lill-konvenut appellant, iżda dan kif jista' jottempera ruħu mas-sentenza tal-Qorti meta l-eventwali possessur ta' l-ambjent George Camilleri ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-vertenza?;

L-appellant ilmenta wkoll mill-osservazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li hu messu kkjama in kawża lis-sid. L-appellant f'dan ir-rigward jissottometti li hu m'għandux interess li jikkjama lil ħadd – lanqas biss għandu interess f'din il-kawża, aħseb u ara kemm għandu interess jikkjama lil ħaddieħor..... L-interess li jiġi kjamat in kawża s-sid hu ta' l-attur u żgur mhux tal-konvenut";

Ikkunsidrat:

Illi mhux ikkontestat li l-ħajt mertu ta' l-allegat spoll ġie kkostruwit fl-aħħar ta' Lulju, 1979;

*Omissis;*

Dan ifisser li sa meta ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni l-konvenut kien għadu fil-pussess fiżiku u materjali ta' l-għalqa *de quo* u l-ħajt in kwistjoni. Jirriżulta wkoll mill-provi, u ma jidhirx li jista' jkun hemm kwistjoni fuq dan, illi f'Awissu ċjoè f'Santa Marija ta' l-1979 l-għalqa preċedentement f'idejn il-

konvenut għaddiet f'idejn sidha ċjoè l-mara ta' ċertu George Camilleri li xehed f'din il-kawża;

Issa jirriżulta wkoll mill-atti tal-pussess li sid l-għaqla fl-ebda ħin ma talbet li tintervjeni fil-kawża *"in statu et terminis"* u la l-attur kif laqnas il-konvenut ma ħassew il-ħtieġa li jitolbu l-kjamata fil-kawża ta' l-istess sid. Hu stabbilit ukoll bl-artikollu 960 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u anki ribadit fil-ġurisprudenza nostrana illi l-kjamata in kawża ma tistax tiġi ordnata jew awtorizzata f'dan l-istadju ta' l-appell (ara Vol. XXXII.I.559 u Appell Ċivili 14-3-1986 *in re* V. Camilleri *et vs* C. Vella;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-presenza ta' sid l-għalqa f'din il-kawża hija essenzjali u kienet ugwalment essenzjali fi prim'istanza u dan billi kif issottometta l-appellant fil-petizzjoni *ta' l-appell tiegħu kull sentenza* li tikkundannah bħala konvenut jirripristina kollox kif suppost ma jistax jesegwiha jekk mhux bil-permess tas-sid li jippossjedi l-għalqa li mhux parti fil-kawża u li kontra tagħha s-sentenza appellata ma tagħmilx stat;

Wara riflessjoni fit-tul fuq il-problemi li jeżistu f'din il-kawża u li ssemmew din il-Qorti ma tarax alternattiva oħra ħlief dik li kif anke ġie deċiż minnha stess *in re* Camilleri *et vs* Vella *sup cit* u preċedentement *fis-sentenzi riportati fil-paġni* 675 *sa* 677 tal-Vol. XXXI tal-Kollezzjoni tas-Sentenzi tal-Qrati Superjuri ta' Malta, tiġi annullata s-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi billi tannulla s-sentenza u tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Onorabbli Qorti li għandha tordna l-kjamata in kawża ta' sid l-art fejn ittella' l-ħajt *de quo* attwali pussessur ta' l-istess territorju u tipproċedi

għat-trattazzjoni ulterjuri u deċiżjoni skond il-liġi. Għal dak li, jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż din il-Qorti sejra tipprovdi fuq l-iskorta ta' preċedenti simili (ara Vol. XXXI.I.675, XXXI.I.677 u Camilleri *vs* Vella *sup. cit.)* u ċjoè billi tiddeċidi li l-ispejjeż ta' dan l-appell, jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali fil-mertu u fil-każ li ma jsirx appell mill-mertu lil din il-Qorti, jinqatgħu fuq rikors minn wieħed jew l-ieħor mill-partijiet minn din il-Qorti.